MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1584/1995/1

**George Sladden**

**v.**

**Lonza Agius**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**
B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru, 1995 l-attur wara li ppremetta illi huwa esegwixxa xoghol ta' tibjid fuq inkarigu tal-konvenuta fil-post f'Benghajsa; illi ta' dan ix-xoghol l-attur

ghandu jithallas is-somma ta’ sitt mija u hamsin lira maltin (Lm650), oltre s-somma ta’ sebgha u disghin lira u hamsin centezmu (Lm97.50) taxxa tal-VAT, b’kollox seba’ mija u sebgha u erbghin lira u hamsin centezmu (LM747.50); illi l-konvenuta baqghet ma hallasx (sic) din is-somma minkejja li giet interpellata diversi drabi; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma ta’ l-attur il-konvenuta ma ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta-imsemmi ammont u l-attur qed jannetti wkoll ma dan l-att, affidavit markat Dokument ‘A’ a tenur ta’ l-imsemmija artikoli tal-Kodici ta’ Procedura Civili; talab li dik il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. tikkundannha thallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mija u sebgha u erbghin lira u hamsin centezmu (LM747.50) prezz ta’ xoghol ta’ tibjid dovut minnha lill-attur kif fuq inghad.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Affidavit Dokument ‘A’ u ta’ l-ittri interpellatorji tas-6 ta’ Gunju, 1995 u tad-19 ta’ Gunju 1995 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenuta li tibqa’ ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

B’nota pprezentata fit-22 ta’ Novembru, 1995 il-konvenuta eccepiet:-

1. Illi l-eccipjenti qeghda tirrifjuta li thallas lill-attur ghax-xoghol minnu ezegwit ghaliex l-istess xoghol ma sarx skond is-sengha, kif konstatat ukoll mill-perit inkarigat mill-eccipjenti (Dokument A); u ghalkemm hija talbet lill-attur sabiex jirrimedja n-nuqqasijiet li rrizultaw fix-xoghol fuq imsemmi, huwa baqa’ inadempjenti.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tas-27 ta' Gunju, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi ikkundannat lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltija (LM500) inkluz il-VAT, liema somma giet likwidata mill-Perit Tekniku, u dana bl-interessi dekorribbli fuq dik il-parti tas-somma, ezenti ghall-finijiet tal-kalkolu mill-VAT, mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (6 ta' Novembru 1995) u ordnat li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mill-attur u zewg terzi (2/3) mill-konvenuta, u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-
"Mill-kontenut tac-citazzjoni u ta' l-eccezzjoni f'din il-kawza l-kwestjoni nvoluta hi wahda purament ta' indoli tekniku, ta' verifiki u ta' apprezzament tal-provi dwar ix-xogholijiet ezegwiti jew mhux ezegwiti jew kompletati skond il-ftehim bejn il-kontendenti;

"L-appalt kommissjonat lill-attur mill-konvenuta kien wiehed verbali u kif deherlu li ghandu jikkummenta l-espert tekniku "ma kienx wiehed rigidu u preciz" billi "halla hafna dettalji barra u mbaghad allura dan wassal sabiex meta fl-ahhar kellu jsir il-hlas inqalghu l-argumenti illi fil-fatt inqalghu." (paragrafu 26 tar-relazzjoni);

"Din l-osservazzjoni peritali hi konsimili ghar-riflessjoni valevoli li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-13 ta' Frar 1997 fil-kawza fl-ismijiet "**Nazzareno Vassallo *nomine* v. Edward Maggi**":-

"F'kazijiet bhal dak *de quo* dak li ghandu l-aktar importanza huwa x'ezattament ikun gie miftiehem bejn il-partijiet dwar in-natura u l-kwalita` tax-xoghol li jkun ser isir u l-esperjenza tghallem illi l-kwestjonijiet jinqalghu ghaliex wiehed mill-partijiet jew it-tnejn ma jkunux approfondew sew it-termini tal-ftehim biex ma jinqalax inkwiet u disgwid wara."

"Din is-silta turi, jekk kien hemm bzonn li jigi kull darba ripetut, kemm hu importanti illi qabel ma wiehed jintrabat, jivverifika u jippreciza sew, l-ahjar b'mod espress, il-lista tax-xogholijiet li jkunu jridu jigu esegwiti, il-prezz u l-kondizzjonijiet korrelatati;

“Dan qed jigi rilevat in kwantu kif pacifikament akkolt f’bosta sentenzi jekk jirrizulta li x-xoghol ma jkunx kompletat u sewwa, l-appaltatur ma jkollux dritt ghall-ebda parti mill-hlas jekk id-difetti rizultanti jaffettwaw il-kwazi generalita` tax-xoghol intrapriz mill-attur (“**Carmelo Mallia v. Ivan John Fonk”,** Appell Civili, 24 ta’ Jannar 1975) u l-konvenut ikollu dritt, f’sitwazzjoni simili, jopponi l-“*exceptio non rite adempleti contractus*” ghad-domanda li ssirlu ghall-hlas (“**Francis Spiteri *nomine* v. Emmanuele Cassar*”,*** Appell Civili, 14 ta’ Marzu 1975);

“Dan normalment jissucciedi fejn ikun jirrizulta li x-xoghol ezegwit ikun affett minn vizzji sostanzjali li jipprivaw il-haga mill-iskop jew utilita` taghha, b’mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent jew indikata minn natura stess tax-xoghol (**“Robert Micallef v. Joseph Mamo *proprio et nomine*** a Vol XXX P III p 433);

“Fil-kaz in ezami, ghallanqas minn dak kaptat mir-relazzjoni peritali, ma jidhirx li n-nuqqasijiet jistghu jkun kwalifikati bhala essenzjali. Il-perit tekniku illimita ruhu ghal komment generiku illi l-livell tax-xoghol ma kienx daqstant tajjeb u halla diversi sfumaturi fix-xoghol. Meta dan hu hekk il-kaz u n-nuqqasijiet ma jigux definiti bhala sostanzjali l-appaltatur ma jitqiesx inadempjenti pero` jibqa’ obbligat jew li jirripara u jaghmel tajjeb ghad-difett jew li jaccetta riduzzjoni (**“John Bonnici *proprio et nomine* v. Anthony Sammut**” Appell Kummercjali, 22 ta’ Gunju 1994). Dan hu dak li effettivament ippropona li jsir l-espert tekniku fir-relazzjoni tieghu. Relazzjoni li qed tigi minn dina l-Qorti adoperata anke ghaliex l-opinjoni teknika fiha espressa tinsab ben artikolata u bazata fuq ragunijiet li mill-ebda wiehed mill-kontestanti ma gew skossati b’xi opinjoni kuntrarja jew kritika valida;

“L-appalt kien jikkonsisti f’xoghol ta’ tibjid, tikhil u zebgha gewwa fond tal-konvenuta fiz-Zurrieq. Il-prezz maqbul kien ta’ sitt mija u hamsin lira Maltija;

“Fil-kostatazzjonijiet tieghu dwar ix-xoghol ezegwit il-perit tekniku jaghmel kummenti kemm generici u specifici;

“Bhala kumment generali, apparti dak gja fuq rilevat dwar il-livell u grad tax-xoghol, jippreciza illi certi lanjanzi tal-konvenuta ma jistghux jitqiesu serji bizzejjed biex jigi determinat illi x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Dan b’mod partikolari ghal kwestjoni tac-carcir u qtar ta’ zebgha jew ta’ gir li thalla fil-post. Huwa jsostni li f’xogholijiet konsimili dan it-ticpis u tbajja hu tollerat u dippju ma jidherx li kien jaqa’ fil-mansjoni, ghal dak li hu tindif, ta’ min jintraprendi xoghol bhal dan. Ciononostante, jirrizulta li l-attur akkomoda lill-konvenuta meta din talbitu jassistiha biex telimina t-tbajja u l-hmieg. Kif hekk ukoll jirrizulta li akkomodaha wkoll fil-kaz taz-zebgha biz-zejt tal-kittien applikat fl-entrata li lill-konvenuta ma ghogobhiex u kellu jaghti zewg passati *finish* biz-zebgha taz-zewjt u wahda *undercoat*;

“Minn naha l-ohra l-perit tekniku jirril[e]va illi kien doveruz fuq l-attur illi jassikura li x-xoghol li jezegwixxi jsir utilment. Dan anke ghaliex kif akkolt mill-gurisprudenza jekk jaghmel xoghol li jirrizulta inutili hu ma ghandux dritt jithallas ta xogholu, li ghamel inutilment, “ghax la kien jaf b’dik l-inutilita` u li x-xoghol kien kontra s-sengha ma kienx imissu ghamel dak ix-xoghol, u lanqas kien imissu ikkarika lill-kommittent bl-ispiza tal-materjal relattiv” (**Vol. XL P I p 485**). Is-senjalazzjoni tal-perit f’dan il-kuntest kienet tikkoncerna t-tbajja riskontrati fis-soqfa, tant li dwar dan ix-xoghol jafferma illi l-attur kien messu gibed l-attenzjoni tal-konvenuta illi sabiex ix-xoghol ikun accettabbli kien hemm il-htiega li jinghataw passati ohra sabiex ix-xoghol jghatti sew u b’hekk jikkompleta l-appalt;

“Fl-ahharnett l-espert gudizzjarju jesprimi wkoll il-fehma illi x-xoghol fuq il-faccata, li baqa’ in parte ma sarx, kellu jirrientra fil-ftehim tax-xogholijiet li suppost kellu jesegwixxi l-attur;

“Kien in raguni ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha illi l-perit tekniku kkonkluda illi l-ammont li l-attur kien jisthoqqlu ghall-appalt kellu jigi ridimensjonat biex jaghmel

tajjeb ghan-nuqqasijiet riskontrati u l-inkompletar ta' certu xogholijiet. Skond il-perit l-ammont misthoqq kif likwidat minnu kellu jkun ta' hames mitt lira (LM500), komprensiv wkoll tal-VAT. Ara Nota spejgattiva tieghu a fol. 84 tal-process."

**L-appell tal-konvenuta.**

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bil-parti konkluzziva tas-sentenza fuq imsemmija fejn giet ikkundannata thallas l-imghax fuq l-ammont likwidat mid-data tan-notifika tac-citazzjoni; kien ghalhekk li talbet li din il-Qorti tirriforma u tvarja s-sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn hija giet ikkundannata thallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) kompriz il-VAT, bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kwantu ghall-terz mill-attur u zewg terzi minnha, tirrevokaha u thassarha fil-parti fejn hija giet ikkundannata thallas l-interessi b'effett mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u minflok tordna li l-interessi ghandhom jiddekorru mid-data li fiha giet pronunzjata s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-attur appellat.

**Ikkunsidrat.**

L-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata u pagabbli bit-tmienja fil-mija fis-sena huma d-danni dovuti lill-kreditur ta' obbligazzjoni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess obbligazzjoni. Fir-rigward ta' minn meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili jiddisponi is-sewgenti:

(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta' kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu *ipso jure*, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinnhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.

(2) F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinnhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.

Huwa pero` principju generalment accettat li meta l-ammont dovut ma jkunx cert u likwidu l-imghaxijiet ma jibdewx jiddekorru hlief mid-data meta jigi determinat l-ammont – *in liquidandis non fit mora*. Infatti kif gie ribadit fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tat-30 ta’ Gunju, 2004 fil-kawza **Vivian Charmain Mizzi v. Carmel Mizzi:** “*Imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta’ danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta’ obbligazzjoni meta l-oggett ta’ l-obbligazzjoni jkun hlas ta’ somma determinata*.” Din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tad-19 ta’ Novembru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet “**Francis Saviour Aquilina v. Andrew Mamo noe** ukoll irriteniet li “*Huwa principju generali li l-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta’ l-approvazzjoni taghha. Dan il-principju*” kompliet dik il-Qorti, “*huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit in mora – in liquidandis non fit mora.*” B’dana kollu fis-sentenza hawn fuq imsemmija l-istess Qorti ta’ l-Appell semmiet il-possibilita` li dan il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta’ responsabbilita` ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta’ likwidita` tkun tirriferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghal hlas tieghu. Iktar pertinenti ghall-kaz sottoezami dik il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet hemm maghmula, ezaminat is-sitwazzjoni fil-kuntest tad-data meta jibdew jiddekorru l-imghaxijiet, meta l-ammont effettivament likwidat “jkun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur” u osservat li f’tali eventwalita` il-Qorti setghet biss tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha <u>tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas</u> bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta’ l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat.

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenuta mhux qed tikkontesta l-obbligazzjoni taghha ghall-hlas ta’ dak li hu dovut lill-attur ghax-xoghol minnu ezegwit. Hi tghid li hi ma tridx thallas ghax-xoghol billi ma sarx skond l-arti u s-

sengha u li l-attur, mitlub jirrimedja n-nuqqasijiet li rrizultaw fix-xoghol, baqa' inadempjenti.

Bis-sentenza appellata gie determinat l-ammont dovut lill-attur wara li tnaqqset is-somma konvenuta bejn il-kontendenti ghall-appalt in kwistjoni biex jaghmel tajjeb, dan it-tnaqqis, ghad-difetti jew nuqqasijet rizultanti fix-xoghol. B'dana kollu ma jidhirx li hemm differenza sostanzjali bejn dak li gie mitlub u dak li gie effettivament akkordat u ghalhekk din il-Qorti, in linja mal-kuncett enuncjat minn din il-Qorti kif diversament komposta fis-sentenza tad-19 ta' Novembru, 2001 (hawn fuq imsemmija) hija tal-fehma li l-konvenuta ma ghandhiex tigi avantaggjata billi ma thallasx l-imghax fuq l-ammont akkordat mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kif stabbilit fis-sentenza appellata - wara kollox kif jinghad bit-taljan "il piu` comprende il meno" u jekk kienu jigu akkordati imghaxijiet fuq l-ammont kollu mitlub kieku dan gie gudizzjarment konfermat, din il-Qorti ma tara ebda ostakolu li jiddekorru l-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni fuq ammont ridott u dana b'rispett lejn il-principju enuncjat fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghar-ragunijiet fuq esposti l-appell tal-konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------